II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 241/2010

tat-8 ta' Marzu 2010

li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-inklużjoni tal-Belarus fil-lista ta' pajjiżi terzi stipulati f'dak ir-Regolament sabiex jippermetti t-tranżitu mill-Belarus permezz tal-Unjoni ta' bajd u prodotti tal-bajd għall-konsum uman u l-modifika ta' ċertifikazzjoni għal flieles ta' tjur ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi [1], u partikolarment l-Artikolu 26(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/158/KE tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi u tistipula għal ċertifikati mudell għall-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti.

(2) Id-Direttiva 2002/99/KE tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-intoduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman u tistipula għall-istabbiliment ta' regoli speċifiċi u ċertifikazzjoni għat-tranżitu.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarji [3] jipprovdi li l-prodotti koperti b'dak ir-Regolament għandhom ikunu importati biss ġo u mgħoddija mill-Unjoni fi tranżitu mill-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kumpartimenti elenkati fit-tabella tal-Parti 1 fl-Anness I tiegħu. Dan jistipula wkoll ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għal prodotti bħal dawn. Il-mudelli ta' ċertifikati veterinarji li għandhom jakkumpanjawhom huma elenkati fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

(4) Il-Belarus attwalment mhix elenkata fil-Parti I tal-Anness 1 għar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Din talbet li tiġi inkluża f'dik il-lista u tat informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament.

(5) Il-Kummissjoni għandha fehma pożittiva tal-informazzjoni pprovduta mill-Belarus fir-rigward tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali ta' dak il-pajjiż terz meħtieġa għat-tranżitu ta' bajd u prodotti tal-bajd għall-konsum uman mill-Unjoni. Għalhekk, huwa xieraq li dak il-pajjiż terz jiġi inkluż fil-lista stipulata fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, sakemm joħroġ l-eżitu ta' spezzjoni li għandha titwettaq mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju fil-Belarus, l-inklużjoni fil-lista għandha tkun limitata għat-tranżitu ta' bajd u prodotti tal-bajd għall-konsum uman minn dak il-pajjiż terz ġol-Unjoni bid-destinazzjoni finali f'pajjiżi terzi oħra peress li r-riskju għas-saħħa tal-annimali minn introduzzjoni bħal din hija baxxa ħafna. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tingħata skont il-garanzija addizzjonali li t-tranżitu jitwettaq bit-triq jew bil-ferrovija fi trakkijiet jew f'vaguni tal-ferrovija li ġew issiġillati b'siġill b'numru tas-serje.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
[2] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[3] ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

(6) Peress li din mistennija li tkun miżura interim għandha tibqa fis-seħħ għal 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ.

(7) L-inseriment tal-Belarus għandu għaldaqstant jidħol fil-lista tal-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 u għandu jiżdied inseriment ġdid fit-taqsima "*Garanziji addizzjonali*" fil-Parti 2 tal-Anness I.

(8) L-esperjenza uriet li ċ-ċertifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali ta' flieles ta' ġurnata mill-veterinarju uffiċjali fiż-żmien tal-kunsinna għall-importazzjonijiet ġol-Unjoni tista' tippreżenta problemi prattiċi għall-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz.

(9) Sabiex titqies il-prassi ta' produzzjoni u l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet neċessarji tas-saħħa tal-annimali jkomplu jiġu ssodisfati, iċ-ċertifikat tal-veterinarju mudell għall-flieles ta' ġurnata fil-Parti 2 tal-Anness I għandu jiġi modifikat.

(10) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(11) Huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżitorju biex jippermetti li l-Istati Membri u l-industrija jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja applikabbli previsti f'dan ir-Regolament.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Prodotti fir-rispett ta' liema ċ-ċertifikati veterinarji rilevanti ġew maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistgħu jkomplu jiġu importati ġewwa jew mogħdija tranżitu ġol-Unjoni sal-1 ta' Ġunju 2010.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influwenza tat-tjur	Status tat-tilqim tal-influwenza tat-tjur	Status tal-kontroll tas-salmonella
			Mudell(i)	Garanzzji addizzjonali		Data tal-għeluq [1]	Data tal-ftuħ [2]			
1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
AL – L-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							S4
AR – L-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			POU, RAT, EP, E					A		S4
			WGM	VIII						
AU – L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPP, DOC, HEP, SRP							S0
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			POU	VI						
			RAT	VII						
BR – Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
	BR-1	Stati ta': Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul	RAT, BPR, DOR, HER, SRA		N			A		
	BR-2	Stati ta': Mato Grosso, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	BPP, DOC, HEP, SRP		N					S0
	BR-3	Distrito Federal u Stati ta': Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	WGM	VIII						
			EP, E, POU		N					S4
BW – Il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT	VII						
BY – Il-Belarus	BY-0	Il-pajjiż kollu	EP u E (it-tnejn "biss għat-tranżitu minn ġol-UE")	IX						
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR, BPP, DOR, HER, SRA, SRP		N			A		S1
			DOC, HEP		L, N					
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
CH – L-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	([3])					A		([3])
CL – Iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S0
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					
CN – Iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	EP							
	CN-1	Provinċja ta' Shandong	POU, E	VI	P2	6.2.2004	—			S4
GL – Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, WGM							
HK – Ħong Kong	HK-0	It-territorju sħiħ tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong	EP							
HR – Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOR, DOC, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S2
			EP, E, POU, RAT, WGM		N					
IL – L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP		N			A		S1
			WGM	VIII						

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
			EP, E, POU, RAT		N					S4
IN – L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	EP							
IS – L-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
KR – Ir-Repubblika tal-Korea	KR-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							S4
ME – Montenegro	ME-O	Il-pajjiż kollu	EP							
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E, WGM							S4
MY – Il-Malasja	MY-0	—	—							
	MY-1	Peninżulari tal-Punent	EP							
			E		P2	6.2.2004				S4
MK – L-Ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja [4]	MK-0 [4]	Il-pajjiż kollu	EP							
MX – Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP							
NA – In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
			RAT, EP, E	VII						S4
NC – Il-Kaledonja Ġdida	NC-0	Il-pajjiż kollu	EP							
NZ – In-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP							S0
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT							S4
PM – Saint Pierre u Miquelon	PM-0	It-territorju kollu	SPF							
RS – Is-Serbja [5]	RS-0 [5]	Il-pajjiż kollu	EP							
RU – Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	EP							
SG – Singapor	SG-0	Il-pajjiż kollu	EP							
TH – It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	SPF, EP							
			WGM	VIII	P2	23.1.2004				
			E, POU, RAT		P2	23.1.2004				S4
TN – It-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			DOR, BPR, BPP, HER							S1
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT							S4

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
TR – It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
US – L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S3
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT		N					S4
UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E, RAT							S4
ZA – L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR	I				A		
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT	VII						
ZW – Iż-Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	RAT	VII						
			EP, E							S4

(1) Il-prodotti, inklużi dawk li jinġarru fuq l-ibħra, magħmula qabel din id-data jistgħu jiġu importati fl-Unjoni waqt perjodu ta' 90 jum minn din id-data.
(2) Huma biss il-prodotti li ġew magħmula wara din id-data li jistgħu jiġu importati fl-Unjoni.
(3) Skont il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).
(4) L-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.
(5) Mhux inkluż il-Kosovo, kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999."

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) Fit-taqsima "*Garanziji Addizzjonali (GA)*", tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

" 'IX': tranżitu biss mill-Unjoni ta' konsenni ta' bajd u prodotti tal-bajd għall-konsum uman li joriġinaw mill-Belarus u ddestinati għal pajjiżi terzi oħra għandhom ikunu permessi soġġett għall-kundizzjoni li t-tranżitu jsir bit-triq jew bil-ferrovija fi trakkijiet jew f'vaguni tal-ferrovija li ġew issiġillati b'siġill b'numru tas-serje. Din l-awtorizzazzjoni għat-tranżitu għandha limitu taż-żmien sal-[jj/xx/ssss – 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ]."

(b) Il-mudell ta' ċertifikat veterinarju DOC jinbidel b'dan li ġej:

"Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux

(DOC)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	I.2.a.
		I.3. Awtorità ċentrali kompetenti	
		I.4. Awtorità lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.	
I.11. Pajjiż ta' oriġini Isem Indirizz Numru ta' approvazzjoni Isem Indirizz Numru ta' approvazzjoni Isem Indirizz Numru ta' approvazzjoni		I.12.	
I.13. Post ta' tgħabija Indirizz Numru ta' approvazzjoni		I.14. Data ta' tluq	Ħin ta' tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identification: Documentary references:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati Tgħammir ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Kwantità	

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-flieles ta' ġurnata ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 tfaqqsu fi:

(2)(3) jew [it-territorju bil-kodiċi .....;]

(3)(4) jew [kompartiment(i) .....;]

fejn il-qatgħat li minnhom ġej il-bajd għat-tfaqqis ġew importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont kundizzjonijiet veterinarji tal-anqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kwalunkwe Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

(2)(3)(12) jew [it-territorju tal-kodiċi .....;]

(3)(4) jew [it-territorju tal-kodiċi .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn isir programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

(2)(3)(13) jew [it-territorju tal-kodiċi .....;]

(3)(4) jew [kompartiment(i) .....;]

(3) jew [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja u b'patoġenità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(3) jew [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

(3) jew [(a) tnisslu minn qatgħat tat-tnissil li nżammu fi stabbiliment li fih saret is-sorveljanza għall-influwenza tat-tjur b'riżultati negattivi fil-21 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu tfaqqsu l-flieles ta' ġurnata;]

(3) jew [(a) tnisslu minn qatgħat tat-tnissil li nżammu fi stabbiliment li matul l-aħħar 21 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnhom tfaqqsu l-flieles ta' ġurnata fejn sar test għas-sejba tal-virus b'riżultati negattivi għall-influwenza tat-tjur fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ u trakeali/jew orofaringeali meħud minn tal-anqas 60 tajra fl-istabbiliment jew mit-tjur kollha jekk hemm inqas minn 60 tajra fl-istabbiliment;]

(b) il-flieles ta' ġurnata ġejjin minn xi stabbiliment:

— li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm l-influwenza tat-tjur b'patoġenità baxxa fl-aħħar 30 jum fl-ebda stabbiliment;

— fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbiliment fejn ġiet skoperta l-influwenza tat-tjur fl-aħħar 30 jum;]

PAJJIŻ **DOC (fileles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux)**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1.5 (a) ma tlaqqmux kontra l-influwenza tat-tjur;

(b) tnisslu minn qatgħat tat-tnissil li:

(3) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza tat-tjur;]

(3) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'konformità ma' pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċini(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

II.1.6 tfaqqsu fl-istabbiliment(i) definit(i) fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvat(i) uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma tal-anqas ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, u

(a) li l-approvazzjoni tagħhom ma ġietx sospiża jew irtirata;

(b) li, fil-ħin tal-konsenja, ma kienx (kinux) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 tfaqqsu mill-bajd li ġej minn qatgħat li:

(a) inżammu għal tal-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni fi stabbilimenti approvati uffiċjalment, li l-approvazzjoni tagħhom, waqt li saret il-konsenja tal-bajd għat-tfaqqis lejn il-post tat-tfaqqis, ma kinitx sospiża jew irtirata;

(b) fil-ħin tal-konsenja, ma kienu soġġetti għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) għaddew minn programm ta' sorveljanza tal-mard għal:

(3) *jew* [*Salmonella pullorum, S. gallinarum* u *Mycoplasma gallisepticum* (tajr);]

(3) *jew* [*Salmonella arizonae*, (serogroup O:18(K)), *S. Pullorum* u *S. gallinarum, Mycoplasma meleagridis* u *M. gallisepticum* (dundjani);]

(3) *jew* [*Salmonella Pullorum* u *S. Gallinarum* (farawni, summien, faġani, perniċi u papri);]

skont il-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE u ma nstabx li huma infettati, jew ma wrew l-ebda sinjal biex tkun suspettata xi infezzjoni, minn dawn l-aġenti;

(3) *jew* [(d) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

(3) *jew* [(d) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta':

.....

(isem u tip (ħaj jew inattiv) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

(5) u/jew [(e) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment

fi ..... kontra ..... (irrepeti kif hemm bżonn);]

II.1.8 tfaqqsu minn bajd li:

(a) qabel il-konsenja lejn il-post tat-tfaqqis, kien immarkat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

(b) kien ġie diżinfettat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

(5) [II.1.9 tlaqqmu b'vaċċini approvati uffiċjalment fi ..... kontra ..... (irrepeti kif meħtieġ);]

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux)**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.	**Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**
(6) [II.2.1	Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u tilqim fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ġenitur ta' oriġini u din il-qatgħa ġenitur ġiet ittestjata għal serotipi tas-Salmonella ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.
	Id-data tal-aħħar teħid ta' kampjuni tal-qatgħa tat-tnissil li minnhom hu magħruf ir-riżultat tal-ittestjar: ..... (jj/xx/ssss);
	Riżultat tal-ittestjar kollu tal-qatgħa tat-tnissil:
(3)(7) *jew*	[pożittiv;]
(3)(7) *jew*	[negattiv;]
	Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-flieles ta' ġurnata.
	Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*:
(3) *jew*	[l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati lill-flieles ta' ġurnata (inkluż injezzjoni in ovo);]
(3)(8) *jew*	[l-antimikrobiċi li ġejjin kienu amministrati lill-flieles ta' ġurnata (inkluż injezzjoni in ovo) .....;]
(6) [II.2.2	Jekk il-flieles ta' ġurnata huma maħsuba għat-tgħammir, ma nstabet la s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium fi ħdan il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.]
II.3.	**Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**
	Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:
(9) [II.3.1	fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, il-flieles ta' ġurnata deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn bajd għat-tfaqqis li ġej minn qatgħat li:
(3) *jew*	[ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]
(3) *jew*	[tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattiv;]
(3) *jew*	[tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabru l-bajd;]]
(5) [II.3.2	il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE huma previsti:
	.....;]
(9) [II.3.3	jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Iżvezja, il-flieles ta' ġurnata biex jiddaħħlu f'qatgħat tat-tjur tat-tnissil jew f'qatgħat ta' tjur tal-produzzjoni ġejjin minn qatgħat li ġew ittestjati b'riżultati negattivi skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE.]

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

(10) [II.4.1 għalkemm l-użu ta' tilqim kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfax ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

(2)(3) *jew* [it-territorju bil-kodiċi .....;]

(3)(4) *jew* [kompartiment(i) .....;]

it-tjur tat-tgħammir li minnhom tnisslu l-flieles ta' ġurnata:

(a) ma tlaqqmux għal tal-anqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġejjin minn xi qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel ma saret il-konsenja fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ minn tal-anqas 60 għasfur f'kull qatgħa u li fiha ma nstabu l-ebda paramiksovajrusis avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-konsenja ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament fl-istabbiliment tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b);]

(10) [II.4.2 il-bajd għat-tfaqqis li minnu tfaqqsu l-flieles ta' ġurnata ma kellhomx kuntatt fil-post tat-tfaqqis jew matul il-ġarr ma' bajd jew tjur li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq.]

(11) II.5. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

II.5.1 il-flieles ta' ġurnata deskritti f'dan iċ-ċertifikat jinġarru f'kaxxi li jintremew li jkunu nodfa għal kollox wara l-użu u li huma wżati għall-ewwel darba u:

(a) fihom biss flieles ta' ġurnata tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess stabbiliment;

(b) għandhom it-tagħrif li ġej:

— l-isem tal-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-konsenja,

— l-ispeċi tat-tjur ikkonċernati,

— l-għadd tal-flieles,

— il-kategorija u t-tip ta' produzzjoni li għalihom huma maħsuba,

— l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-produzzjoni,,

— in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-oriġini,

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibilità ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

Il-konteniturі u l-vetturi li fihom inġarru l-kaxxi msemmija hawn fuq tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux)**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru tal-approvazzjoni tal-postijiet tat-tfaqqis u l-istabbiliment tat-tgħammir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u t-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjira tal-ajruplan. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS – Harmonised System) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 01.05 or 01.06.39.

— Kaxxa I.28: (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/tjur li jbidu/brojlers/oħrajn.

Parti II:

(1) 'Flieles ta' ġurnata' kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(2) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(3) Żomm kif ikun xieraq.

(4) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

(5) Żomm jekk ikun xieraq.

(6) Din il-garanzija tapplika biss għall-flieles ta' ġurnata li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus.*

(7) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

— qatgħat ta' tjur għat-tgħammir: *Salmonella Hadar, Salmonella Virchow* u *Salmonella Infantis,*

— qatgħat ta' tjur produttivi: *Salmonella Enteritidis* u *Salmonella Typhimurium.*

(8) Żomm jekk ikun xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi wżati.

(9) Ħassar jekk il-kunsinna mhix intiża għall-Finlandja u l-Iżvezja.

(10) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li ġejjin mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kompartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008

(11) Jekk jogħġbok innota li skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali se jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jekk ikunu tajbin biex ikomplu l-vjaġġ wara d-dħul fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, jeħtieġ li l-annimali jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

(12) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni 'N' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux (DOC) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

(13) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni 'L' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-flieles ta' ġurnata għajr dawk tar-ratiti (DOC) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità baxxa, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat hu validu għal 10 t'ijiem.

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux)**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

(14) III. **Informazzjoni supplimentari dwar is-saħħa li tikkonċerna n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat** (kaxxa I.2.)

.....

il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-Parti II ta' dan iċ-ċertifikat għadhom qed jiġu ssodisfati;

(a) il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-Parti II ta' dan iċ-ċertifikat għadhom qed jiġu ssodisfati;

(b) il-flieles ta' ġurnata ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(i) tfaqqsu fi ..... (data:jj/xx/ssss);

(ii) fil-ħin tal-konsenja ġew eżaminati u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew raġunijiet biex tkun suspettata xi marda;

(iii) ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr selvaġġ.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

(14) Din it-taqsima tista' tkun fuq karta separata sakemm tkun annessa mal-Parti II taċ-ċertifikat tas-saħħa."